MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 1493/1993/1

**Paul Micallef**

**v.**

**Carmelo sive Charles Micallef**

**Il-Qorti:**

**I PRELIMINARI**

1. Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi fil-15 ta' Mejju 2003, li bihom gew michuda l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo sive Charles Micallef u gew milqugha t-talbiet ta' l-attur Paul Micallef ezattament kif dedotti fl-att tac-citazzoni. Din is-sentenza se tigi riprodotta hawn kollha kemm hi billi fiha jissemmew

it-talbiet ta' l-attur, l-eccezzjonijiet tal-konvenut kif ukoll il-motivazzjonijiet li wasslu lil dik il-Qorti li tasal ghall-konkluzjonijiet taghha kif fuq inghad. Is-sentenza tghid hekk:

**"Il-Qorti:**

"Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fl-1 ta' Novembru, 1993, li in forza taghha, wara li ppremetta:

"1. Illi l-attur u l-konvenut ghandhom bejniethom il-gestjoni tan-negozju ta' pitkalija f'Ta' Qali, (wara li l-istess giet trasferita mill-Gvern mir-Rabat fejn kienet originarjament) u ta' shipchandling, bejgh ta' frott ta' barra u negozji ohra kif jirrizulta;

"2. Illi dawn id-drittijiet u d-doveri taghhom dwar l-istess gestjoni gew regolati bil-kuntratt li kien sar bejn l-attur u hutu fid-29 ta' Mejju, 1960, (atti Nutar Salvatore Abela) fosthom Carmelo Micallef, awtur tal-konvenut odjern;

"3. Illi fost il-kundizzjonijiet tal-istess kuntratt kien hemm li ghalkemm il-permessi dak iz-zmien kienu registrati fuq tnejn biss mill-ahwa, hadd ma seta' jiddisponi mill-istess permessi hlief bil-kunsens bil-miktub tal-kompartecepi l-ohra fl-istess gestjoni tan-negozju, u li l-premessi kienu biss registrati fuq xi isem ghall-finijiet tal-Pulizija biss;

"4. Illi l-istess ftehim baqa' jigi imgedded tacitament bejn il-partijiet u llum fl-istess negozju kien baqa' biss l-attur u l-konvenut;

"5. Illi l-konvenut, minflok li qaghad ghall-kundizzjonijiet tal-istess kuntratt telaq mix-xoghol, u assuma xoghol iehor, u inoltre ipprova minn wara dahar u ad insaputa tal-istess attur li johrog ghall-bejgh b'tender tal-gvern id-drittijiet kollha konnessi mal-pitkalija, li biex tieqaf l-istess procedura kellha ssir talba ghal mandat ta' inibizzjoni li hu pendenti, wara li l-Kummissarju tal-Artijiet accetta li jieqaf sakemm issir it-talba odjerna;

"6. Illi l-konvenut approprija ruhu indebitament minn utli tal-istess komunjoni ta' gestjoni ta' negozju;

"7. Illi l-agir tal-konvenut, anke fil-gestjoni klandestina tieghu, huwa in malafede u ghalhekk kontra tieghu hemm komminati l-provvedimenti tal-klawsola 12 tal-kuntratt originali bejn l-attur u l-awturi tal-konvenuti, u cioe` li jigi terminat kull dritt li ghandu l-istess konvenut minghajr ebda dritt ta' kumpens;

"Ghalhekk l-attur talab lil din il-Qorti sabiex:

"(1) tiddikjara li l-pitkalija f'Ta' Qali registrata f'isem Carmel Micallef, u l-ambjenti maghha annessi, hija fil-fatt tal-attur u tal-konvenut;

"(2) tiddikjara li l-agir tal-konvenut fil-konfront tal-istess gestjoni tan-negozju huwa kaz ta' malafede, u konsegwentement ghandhom jigu komminati kontra tieghu l-provvediment miftiehem originarjament bejn il-konsocji li jitlef kull dritt fuq l-istess negozju, deskritt fil-kuntratt tan-Nutar Salvatore Abela tad-29 ta' Mejju, 1960, u dan minghajr ebda kumpens.
Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

"Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

"1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi huwa jiggestixxi n-negozju ta' pitkal bis-sahha ta' skrittura bejnu u bejn il-Kummissarju tal-Artijiet datata 22 ta' Marzu 1989 (Dok CM2) wara li giet accettata “tender” tieghu datata 22 ta' Novembru 1988 ghall-kiri ta' stall no.3, shed no. 1 fil-pitkalija, Ta' Qali (Dok CM1);

"2. Illi kwalsiasi ftehim li seta' sar ma' missier l-eccipjent m'ghandu x'jaqsam xejn fil-gestjoni ta' dan in-negozju billi huwa “res inter alios acta”;

"3. Illi a bazi tal-allegazzjoni tal-attur evidentement il-gudizzju mhux integru stante li jezistu ohrajn li jista' jkollhom l-istess pretensjoni;

"4. Illi jirrizerva li jeccepixxi ulterjorment meta jiehu konjizzjoni tad-dokumenti li qed tintalab allegazzjoni taghhom;

"5. Salvi eccezzjonijiet ohra fil-meritu.

"Rat id-digriet moghti mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-25 ta' April, 1994, li in forza tieghu gie nominat l-Assistent Gudizzjarju biex jiehu x-xhieda u jircievi d-dokumenti prodotti mill-partijiet;

"Rat id-digriet moghti mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-25 ta' April 1995, li in forza tieghu giet accettata t-talba tal-attur ghas-smigh tax-xhieda ta' Pawlu Grima u ta' Nazzareno Micallef, liema xhieda ma gewx indikati fil-lista tax-xhieda annessa mac-citazzjoni;

"Rat l-inkartament tal-imsemmi Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Caruana Curran, u rat partikolarment it-traskrizzjoni tax-xhieda mismugha mill-indikat Assistent Gudizzjarju;

"Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

"Illi t-talba tal-attur f'din il-kawza hi bazata fuq il-kuntratt iffirmat fid-29 ta' Mejju, 1969, quddiem in-Nutar Dottor Salvatore Abela. Dan il-kuntratt kien gie ffirmat mill-hames ahwa Micallef, ulied Giovanni. Dan Giovanni kellu negozju ta' pitkalija u ta' *ship-chandeliers* ma' certu John Vassallo, izda wara li xtara s-sehem ta' dan Vassallo, iddecieda li jghaddi n-negozju kollu fuq uliedu li bejniethom iffirmaw il-kuntratt tad-29 ta' Mejju 1969. Il-permessi relattivi ghan-negozju kienu registrati fuq isem Carmelo u Antonio Micallef, izda kien miftiehem li dawn il-permessi kienu, fil-fatt, tal-ahwa kollha u hadd ma seta' jiddisponi minn ebda permess jekk mhux bl-awtorizazzjoni bil-miktub tal-ahwa kollha. Il-kuntratt jistipula wkoll li kull decizjoni li tolqot in-negozju tittiehed mill-ahwa skond il-maggoranza, u hadd mill-ahwa ma seta' jdahhal lil xi hadd fin-negozju jekk mhux bil-permess tal-ahwa kollha. Kollox kellu jinqasam ugwalment bejn l-ahwa u l-kuntratt stabilixxa wkoll kif kellu

jinqasam ix-xoghol u li hadd mill-ahwa “ma jista’ jaghmel xoghol simili barra dan in-negozju”. Jinghad ukoll fil-kuntratt li f’kaz ta’ “*mala fede* fl-amministrazzjoni tal-flus” ikun hemm lok ghal penali ta’ LM1200 favur dak pregjudikat u ghall-hlas ta’ danni ulterjuri; oltre dan, dak li jkun jista’ “jitlef totalment kollox” f’kaz ta’ *mala fede* pruvat. Ebda flus tan-negozju ma setghu jintuzaw ghall-iskop personali minghajr il-kunsens tal-ahwa kollha. Il-kuntratt jistipula wkoll id-durata tieghu u l-estensjoni tieghu “*de facto”* ghall-perjodu ta’ hames snin kull darba, u dan sakemm wiehed mill-ahwa ma javzax lil hutu li jrid jittermina l-kuntratt tal-anqas tlett xhur qabel l-iskadenza. Kull wiehed mill-ahwa jista, pero`, liberament ibiegh sehemu lill-komparenti l-ohra. Kull bidla fil-kuntratt tehtieg il-kunsens unanimu tal-ahwa kollha.

"Eventwalment, tlieta mill-ahwa hargu mill-kuntratt u baqghu fin-negozju l-attur Paul Micallef u huh Karmenu, li jigi missier il-konvenut Charles Micallef. Fl-1988, Karmenu Micallef ghadda n-negozju lil ibnu Charles, u n-negozju baqa’ jitmexxa mill-attur u n-neputi tieghu, partijiet f’din il-kawza. Ghal tlett snin majidhirx li kien hemm problemi bejn il-partijiet, pero`, ghal habta tal-1990 bdew jizviluppaw xi differenzi u l-inkwiet bejniethom baqa’ sejjer ghal tlett snin sa ma wassal ghall-ftuh ta’ din il-kawza.

"Ta’ importanza partikolari ghal din il-kawza huwa t-tielet preambulu tal-kuntratt tal-1969 li jghid hekk:

*"“Illi l-permessi illum jinsabu f’isem il-komparent Carmel Micallef u Antonio Micallef, pero`, huma proprieta` tal-hames ahwa indaqs, kif ukoll ghandhom ikunu permessi ohra li jista’ jinkisbu fil-futur rigward l-istess negozju jew accessorji fuq imsemmija, pero`, la Carmelo Micallef u anqas Antonio Micallef ma jkunux jistghu jiddisponu minn ebda permess minghajr awtorizazzjoni bil-miktub tal-komparenti l-ohra kollha.”*

"Nonostante din il-klawsola, fit-12 ta’ April, 1988, Karmenu Micallef ghadda l-permess tal-Pitkali fuq ibnu l-konvenut. Dan ghamlu wara li stqarr ma’ ibnu li l-permess hu tieghu personali u wara li ottjenew l-awtorizazzjoni mehtiega mid-

Dipartiment tal-Agrikoltura u Sajd. Meta Karmenu Micallef ghadda l-permess fuq ibnu, qallu biss “lil Pawlu (l-attur) hadmu mieghek”. Fl-1992, il-konvenut wasal biex jaccetta li jdawwar il-permess tal-pitkali fuq zijuh, l-attur, izda ghalkemm kien intlahaq ftehim, l-attur ma wasalx biex ihallas il-*goodwill* li talab il-konvenut, u n-negozju sfaxxa. Interessanti, pero`, li l-ftehim li lahqu l-partijiet fil-31 ta’ Marzu, 1992, u li kopja tieghu tinsab registrata bhala red 1 fil-file tad-Dipartiment tal-Agrikoltura numru 97/92 esebiti bhala Dok EC1. Skond din l-iskrittura l-partijiet qablu li l-konvenut kien ser idawwar il-permess ta’ Shed 3 fuq l-attur versu kumpens. L-ewwel paragrafu tal-ftehim jghid hekk:

*"“Li bi ftehim bejnietna rigwardanti Pitkalija tal-Haxix numru 3 f’Ta’ Qali, qed jigi dikjarat illi dina ddur totalment fuq Paul Micallef, u li peress li l-istess pitkalija hi stmata li ghandha goodwill ta’ disat telef lira (LM9000), u peress li s-sehem ta’ Charles Micallef hu nofs indiviz, allura...”*

"Dan il-ftehim hu ffirmat minn Paul Micallef, l-attur, u Charles Micallef, il-konvenut.

"Ghalkemm din l-iskrittura giet redatta b’mod tassattiv u mhux f’forma ta’ weghda jew obbligazzoni, ma jidhirx li l-partijiet taw effett ghal dak it-trasferiment, ghax ghalkemm il-permess tad-Dipartiment tal-Agrikoltura kien gie ottenut, il-partijiet ma pprocedewx ghar-registrazzjoni tat-transfer, u l-permess tal-pitkali baqa’ jghajjat lill-konvenut Charles Micallef. Dan, fil-fatt, wara li fallielu dan in-negozju, ittenta jitrasferixxi l-permess relattiv fuq il-Gozo Milk Agricultural Producers Co-Operative Society Limited, u dan il-process gie imwaqqaf biss wara li din il-Qorti ordnat lill-Kummissarju tal-Artijiet ma jipprocessax it-talba u dan wara li laqghet talba maghmula mill-attur ghal hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni kontra tieghu.

"Dik l-iskrittura hi, pero`, interessanti ghax, fil-fehma tal-Qorti, twaqqa’ l-argumenti kollha tal-konvenut. Il-konvenut jghid li l-permess relattiv kien personali ta’ missieru u sar tieghu biss meta missieru ttrasferih fuq ismu, pero`, f’dik l-iskrittura l-konvenut qed jacceta li hu ghandu biss <u>sehem</u>

tal-pitkali. Fil-fatt, fl-iskrittra jinghad li, bis-sahha ta' dak il-ftehim, il-Pitkalija sejra ssir "totalment" ta' Paul Micallef, u li peress li l-valur tal-avvjament giet stmat Lm9000, "is-sehem ta' Charles Micallef hu ta' nofs indiviz". L-istess ftehim ikompli jghid li jekk Paul Micallef ma jhallasx is-somma miftiehma, Charles Micallef "jerga awtomatikament jerga' jidhol bin-nofs fl-istess pitkalija". F'ebda mument ma l-konvenut ikkontesta dak id-dokument, liema dokument inghata f'idejn id-Dipartiment tal-Agrikoltura biex japprovah, u dan talab il-permess tal-Ministeru b'ittra tas-16 ta' April, 1992, li fiha d-Dipartiment ippremetta illi *"Paul Micallef and Charles Micallef jointly licensed to sell agricultural products, have agreed to terminate the present partnership as per attached document."*

"Dan kollu jikkonferma li l-konvenut kien ben konxju li hu kien bis shab ma' zijuh fin-negozju tal-pitkali. Fil-fatt, ghalkemm il-konvenut jipprova juri li hu kien imexxi l-pitkalija wahdu, zijuh Leone Micallef xehed li hu kien ta' spiss jinzel fil-pitkali biex jghin lil huh l-attur, avvolja kien hareg min-negozju, u dan *senza interessi*, izda biss biex jghin lil huh ghax il-konvenut kien jinzel fil-pitkali "xi nofs siegha kultant". Anke mix-xhieda ta' Emanuel Cutajar ghandu jirrizulta li, fil-fatt, "Charlie u Pawlu kien ikunu hemm", u li, ghal-haga jew ghall-ohra, kien jarahom it-tnejn fil-Pitkali.

"Il-hidma tal-attur fil-pitkali tidher ukoll mix-xhieda ta' Nazzareno Micallef u ta' James Calleja, u mid-dokumenti esebiti, fosthom dak immarkat bhala Dok C u esebit mill-attur.

"Il-konvenut jghid ukoll li, in konnessjoni man-negozju tal-pitkalija, ma nhareg ebda cekk ta' hlas fuq isem l-attur, u li fl-1992 kien ha s-somma ta' Lm3200 ghax ic-cekkijiet relattivi kienu fuq ismu u kienu jirrelataw ghax-xoghol tal-Pitkalija li kien imexxi hu wahdu. Fil-fatt, ic-cekkijiet (esebiti bhala Dok B mill-attur) jidhru mahruga fuq isem l-attur, bl-attur jghid li, nonostante l-fatt li c-cekkijiet inhargu fuq ismu, kien il-konvenut li abusivament mar biex jiehu l-flus.

"Dawn huma kollha cirkostanzi li juru li l-konvenut kien ben konxju tas-sitwazzjoni vera dwar in-negozju tal-Pitkalija u li agixxa b'malizja jew b'*mala fede* biex jiehu gwadan personali u assolut min-negozju li fih kellu biss sehem.

"Illi apparti dawn il-konsiderazzjonijiet, missier il-konvenut, meta xehed, kien car meta qal li, wara li telqu hutu u baqghu hu u l-attur, sehemu ghaddieh fuq ibnu "u komplew huma, hu u Pawlu". Aktar tard kompla jghid li ghalkemm kien xtara l-permess minghand missieru (mhux biss prova ta' dan, pero`, qatt ma ngiebet, izda skond il-kuntratt tal-1969, il-permessi "huma proprieta` tal-hames ahwa indaqs" u kwindi l-missier ma setax jiddisponi minnhom), it-tifel tieghu u Pawlu, huh, kellhom jibqghu jahdmu flimkien u bi shab, b'mod li persuna titlef sehemha mil-business jekk titlaq 'l barra. Kif inghad, ma jirrizultax li l-attur telaq 'l barra mill-business u kwindi, lanqas jekk tigi accettata din il-versjoni, ma ghandu jirrizulta li l-attur mghadx ghandu s-sehem tieghu fil-pitkali u l-permessi relattivi.

"Fid-dawl tal-premess, it-talbiet tal-attur jirrizultaw li huma gustifikati, u fic-cirkostanzi din il-Qorti m'ghandha ebda esitazzjoni tilqa' wkoll it-tieni talba attrici peress li l-agir tal-konvenut, fil-konfront ta' zijuh, kien in *mala fede* u b'ingann.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddispondi minn din il-kawza billi, wara li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet tal-attur kif dedotti, bl-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut."

**<u>II  L-APPELL</u>**

2. Appella minn din is-sentenza l-konvenut Carmelo Micallef b'rikors ta' l-appell prezentat fl-4 ta' Gunju, 2003. Hemmhekk wara li spjega dettaljatament l-aggravji tieghu huwa talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata fuq imsemmija u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu u konsegwentement tichad it-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur appellat.

3. L-attur ikkontesta l-appell b'risposta ta' l-appellipprezentata minnu fl-1 ta' Lulju, 2003. Fl-istess risposta l-appellat rribatta l-aggravji sollevati mill-appellant, irrileva li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk talab li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell tal-konvenut, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4. Il-fatti l-aktar saljenti li taw lok ghal din il-kawza huma tajjeb imfissra fis-sentenza appellata u ghalhekk din il-Qorti ma thossx il-htiega li terga' tirrepetihom hawnhekk. Ghalhekk sejra tghaddi mill-ewwel biex tezamina l-aggravji li ressaq il-konvenut fil-konfront tas-sentenza appellata. L-appellant ressaq hames aggravji li jistghu jigu sintetizzati hekk:

(a) li l-ewwel Qorti naqset li tikkonsidra l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;

(b) li l-azzjoni ta' l-attur hija l-*actio rei venidcatoria* u li huwa naqas li jaghmel il-prova necessarja ghal din l-azzjoni;

(c) li l-ewwel Qorti laqghet it-talbiet ta' l-attur fuq il-bazi ta' kuntratt li l-appellanti ma kienx parti fih;

(d) li l-ewwel Qorti naqset li tikkonsidra t-tielet eccezzjoni tal-konvenut dwar li l-gudizzju ma kienx integru; u

(e) li l-ewwel Qorti meta laqghet it-tieni talba ta' l-attur, kienet skorretta ghaliex ma kellhiex issib li l-appellant agixxa b'*mala fede*.

Din il-Qorti sejra tezamina dawn l-aggravji kollha, izda minflok ma sejra tezaminahom fl-ordni li ressaqhom l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu, hija sejra tibda billi tezamina fl-ewwel lok it-tieni aggravju fuq imsemmi, fit-tieni lok sejra titratta flimkien l-ewwel, it-tielet u r-raba' aggravji fuq imsemmija, u fit-tielet lok sejra tikkonsidra l-hames u l-ahhar aggravju ta' l-appellanti.

**It-tieni aggravju**

5. Bit-tieni aggravju tieghu l-appellant qieghed jasserixxi li l-ewwel talba ta' l-attur hija bla dubju bbazata fuq l-Artikolu 322 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jitratta dwar l-*actio rei vindicatoria*. L-appellanti jghid li l-ewwel Qorti qatt ma setghet tiddikjara li l-pitkalija f'Ta' Qali, u l-ambjenti maghha annessi, "hija fil-fatt ta' l-attur u tal-konvenut" stante li l-attur appellat naqas li jgib il-prova hekk imsejjha "dijabolika" rikjesta mil-ligi sabiex jipprova t-titolu tieghu skond l-imsemmija azzjoni vindikatorja. L-appellant zied jghid li meta l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel talba ta' l-attur, hija sahansitra kkawzat pregudizzju ghall-Kummissarju ta' l-Artijiet innifsu, li huwa bla dubju l-veru proprjetarju tal-fond *de quo*. L-appellant jghid li jekk is-sentenza tghaddi in gudikat fil-forma prezenti, l-attur mhux biss ikun jista' jivvanta jedd fuq in-negozju ta' pitkalija, izda effettivament ikun jista' jivvanta titolu fuq il-fond innifsu.

6. Dan l-aggravju ta' l-appellant jirrazenta l-fieragh. Il-Qorti tinnota li l-konvenut ma ressaq ebda eccezzjoni f'dan is-sens quddiem l-ewwel Qorti, u cioe` li l-azzjoni intentata mill-attur hija l-azzjoni *rei vindicatoria* u effettivament ma jistax iressaq din l-eccezzjoni gdida fl-istadju ta' l-appell, billi din hija Qorti ta' revizjoni u l-kwistjoni ma kenitx giet sollevata u deciza mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti tista' tieqaf hawn, izda se zzid tghid li c-citazzjoni ta' l-attur certament ma hijiex intiza li tasserixxi titolu ta' proprjeta` fuq l-immobbli fejn il-pitkalija kienet qeghda tkun gestita. Invece, il-kawza titratta kjarament dwar gestjoni ta' negozju ta' pitkalija. Kif sewwa rrimarka l-appellat bir-risposta ta' l-appell tieghu hawnhekk si tratta ta' gestjoni ta' negozju u mhux xi titolu fuq proprjeta` mmobbli, billi l-fond minn fejn huwa gestit dan in-negozju jappartjeni lill-Gvern ta' Malta li ghaddih b'kera bhala fond bil-permessi wkoll, originarjament f'idejn tnejn mill-ahwa Micallef, u sussegwentement f'idejn il-konvenut appellant.

**L-ewwel, it-tielet u r-raba' aggravju**

7. Kif inghad aktar qabel din il-Qorti sejra titratta flimkien l-ewwel, it-tielet u r-raba' aggravji ta' l-appellant, billi dawn l-aggravji huma konnessi intimament ma' xulxin. Fi ftit kliem l-appellant qieghed jghid li l-ewwel Qorti zbaljat meta qaghdet u bbazat ruhha fuq il-kuntratt tad-29 ta'

Mejju 1969, fl-atti tan-nutar Dr Salvatore Abela billi dan sar bejn l-attur u terzi u l-istess kuntratt kien *res inter alios acta* ghall-appellant li ma kienx parti fih. L-appellant jghid ukoll li l-ewwel Qorti zbaljat meta ma kkunsidratx l-ewwel eccezzjoni tieghu, u cioe` li t-talbiet ta' l-attur kienu infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa kien jiggestixxi negozju ta' pitkal bis-sahha ta' skrittura bejnu u bejn il-Kummissarju ta' l-Artijiet datata 22 ta' Marzu 1989, (dokument CM2) wara li giet accettata "*tender*" tieghu datata 22 ta' Novemnru 1988, ghall-kiri ta' *store* Nru. 3, *shed* Nru. 1, fil-pitkalija Ta' Qali (Dok CM1). L-appellant enfasizza li l-licenzji kollha relattivi dejjem kienu f'isem l-appellant stess u mhux f'isem l-appellat u dan kif irrizulta mix-xiehda tas-Senior Principal Officer fit-taqsima tal-pitkalija, James Calleja. Fl-ahharnett l-appellant jghid ukoll li l-ewwel Qorti zbaljat meta ma qisitx it-tielet eccezzjoni tieghu meta kien jidher mill-allegazzjonijiet ta' l-attur stess li l-gudizzju ma kienx integru, stante li jezistu ohrajn li jista' ikollhom l-istess pretensjoni ta' l-attur.

8. L-appellant qieghed jallega li huwa m'ghandu x'jaqsam xejn mal-ftehim li sar fl-atti tan-Nutar Salvatore Abela tad-29 ta' Mejju 1969, ghaliex huwa ma kienx parti fih. Ghalkemm huwa veru illi l-konvenut ma ffirmax dak il-kuntratt, pero` kien iffirmah missieru. Kien bis-sahha ta' dak il-kuntratt li missieru kellu sehem fil-gestjoni tal-pitkalija in kwistjoni. L-appellant kien konsapevoli tal-kuntratt imsemmi ghaliex meta missieru ghaddielu sehmu min-negozju, huwa baqa' jamministrah flimkien ma' zijuh, cioe` l-attur l-appellat, u dan a bazi ta' l-istess ftehim originali tal-1969. Missier il-konvenut kien ghadda l-permessi fuq il-konvenut bi ksur evidenti ta' l-Artikolu Nru. 12 ta' l-istess kuntratt tal-1969. Il-kontendenti baqghu jiggestixxu n-negozju flimkien ghal mill-anqas tlett snin qabel bdew il-problemi bejniethom. Mix-xiehda ta' Adrian Farrugia, johrog car li l-profitti mill-gestjoni tal-pitkalija kienu jinqasmu b'mod ugwali bejn l-attur u l-konvenut. Anke l-iskrittura tal-31 ta' Marzu 1992, iffirmata miz-zewg kontendenti f'din il-kawza (ara l-ahhar pagna tad-dokument EC1), kif sewwa rrimarkat l-ewwel Qorti, tikkonferma minghajr ebda ombra ta' dubju li l-appellant kien ben konxju li hu kien biss shab ma' zijuh fin-negozju

tal-pitkalija. Din il-Qorti m'ghandha lanqas l-icken dubju li l-imsemmija shubija fil-gestjoni tan-negozju tal-pitkalija bejn iz-zewg kontendenti f'din il-kawza jidderiva mill-imsemmi kuntratt tad-29 ta' Mejju 1969, ghaliex ghalkemm l-appellant ma kienx parti f'dak il-kuntratt, madanakollu s-sehem li huwa akkwista fil-gestjoni tan-negozju msemmi jidderiva essenzjalment mill-istess ftehim li kien intlahaq bejn l-ahwa Micallef skond l-imsemmi kuntratt tal-1969. Isegwi ghalhekk illi l-konvenut appellant huwa wkoll marbut bl-obbligi u l-kundizzjonijiet li jinsabu mnizzla fl-istess kuntratt u li kienu gew accettati mill-awtur tieghu. L-ewwel Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghaliex l-iskrittura msemmija fl-istess eccezzjoni, cioe` dokument CM2, saret minn wara dahar l-attur u bi ksur ta' l-imsemmi kuntratt tal-1969, li kien gie ffirmat mill-awtur ta' l-appellanti cioe` missieru stess. L-ewwel Qorti cahdet ukoll it-tielet eccezzjoni tal-konvenut ghaliex wara li, korrettement, ikkunsidrat li l-kawza hija bbazata fuq l-imsemmi kuntratt tad-29 ta' Mejju 1969, li sar bejn il-hamest ahwa Micallef, hija kkonstatat li tlieta mill-istess ahwa Micallef kienu hargu minn jeddhom mill-gestjoni ta' dan in-negozju u ghalhekk dan l-istess negozju spicca biex baqa' jigi gestit biss mill-attur Paul Micallef u minn huh Carmelo. Dan ta' l-ahhar eventwalment dawwar sehmu fuq ibnu cioe` l-konvenut appellant u allura tidher haga evidenti li t-tlett ahwa l-ohra li kienu originarjament parti mill-ftehim ma kien baqghalhom l-ebda interess li jkunu f'din il-kawza stante li huma ma baqghux involuti aktar fil-gestjoni ta' l-istess negozju peress illi huma kienu volontarjament ghazlu li jirtiraw minnu. Konsegwentement l-ewwel, it-tielet u r-raba' aggravju ta' l-appellant ma jistghux jintlaqghu.

**<u>Il-hames aggravju ta' l-appellant</u>**

9. L-ahhar aggravju ta' l-appellant jikkoncerna l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti li bis-sahha taghha laqghet it-tieni talba ta' l-attur, u ghaldaqstant sabet li l-konvenut appellat kien agixxa in *mala fede*. L-appellant jargumenta li peress li kien qed jokkupa l-pitkalija b'titolu gdid mill-Kummisarju ta' l-Aritjiet, huwa ma kienx marbut bil-klawsola li ssemmi l-*mala fede* u li tinsab fl-iskrittura tad-

29 ta' Mejju, 1969. Inoltre, l-appellant jghid fil-kuntratt jitkellem biss dwar *mala fede* fl-amministrazzjoni tal-flus.

10. Apparti dak li qalet l-ewwel Qorti dwar ic-cekkijiet esebiti mill-attur bhala Dokument A, l-istess Qorti wara li dettaljatament ghamlet revizjoni tal-fatti tal-kawza kif johorgu mix-xiehda mismugha, iddecidiet li:
"dawn huma kollha cirkostanzi li juru li l-konvenut kien ben konxju tas-sitwazzjoni vera dwar in-negozju tal-pitkalija u li agixxa b'malizja jew *b'mala fede* biex jiehu gwadann personali u assolut min-negozju li fih kellu biss sehem."

Din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba dan l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi akkwiziti fil-process ghaliex jirrizulta pruvat li l-appellant ghamel dak kollu li seta' biex jipprova japproprja ruhu min-negozju shih tal-pitkalija in kwistjoni meta kien jaf li huwa kellu biss nofs dak in-negozju, cioe` dak in-nofs li gie trasferit lilu minn missieru. Dana l-operat ta' l-appellant kien evidentement ta' pregudizzju finanzjarju ghall-attur u bla dubju jikkostitwixxi *mala fede* fl-amministrazzjoni ta' l-istess negozju da parti ta' l-appellant fit-termini tal-kuntratt tad-29 ta' Mejju, 1969. Ghalhekk anke dan l-ahhar imsemmi aggravju ta' l-appellant ma jistax jintlaqa'.

10. Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu a karigu ta' l-appellant Camelo sive Charles Micallef.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------